31972R1351

30.6.1972 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 148/13

IR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1351/72 TAL-KUMMISSJONI
tat-28 ta' Ġunju 1972
dwar l-għarfien ta' gruppi tal-produtturi tal-ħops

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jwaqqaf il- Komunità Ekonomika Ewropea;

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1696/71 [1] tas-26 ta' Lulju 1971 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħops, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5);

Billi l-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 għall-għarfien ta' gruppi ta' produtturi jew unjoni ta' gruppi magħrufa ta' produtturi għall-ħops jinkludu l-applikazzjoni ta' regoli komuni għall-produzzjoni u l-istadju ta' l-ewwel tal-*marketing* flimkien ma' prova ta' attività ekonomikament vjabbli; billi dawn il-kondizzjonijiet għandhom jiġu speċifikati;

Billi, biex tiżgura ċerta uniformità fil-proċedura amministrattiva, regoli dettaljati għandhom jiġu stipulati għall-applikazzjoni, l-għotja u l-irtirar ta' l-għarfien;

Billi, għall-informazzjoni ta' l-Istati Membri u l-partijiet interessati, għandha tiġi pubblikata lista fil-bidu ta' kull sena, ta' gruppi u għaqdiet ta' gruppi li kienu magħrufa matul is-sena ta' qabel u ta' dawk li kellhom l-għarfien irtirat;

Billi l-miżuri li għalihom hemm dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħops;

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Jekk xi grupp produttur, minn issa 'l quddiem msejjaħ "grupp", għandu jikkwalifika għall-għarfien skond l-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 il-membri tiegħu għandhom jkunu magħmula esklużivament minn produtturi tal-ħops.

2. Ir-regoli komuni msemmija fl-Artikolu 7(3)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71 għandhom jitniżżlu bil-miktub. Dawn ir-regoli għandhom jinkludu ta' l-inqas:

(a) fir-rigward ta' produzzjoni:

(aa) l-użu ta' varjetà waħda speċifikata jew iżjed meta jiġġeddu l-mixtliet jew meta jinħolqu oħrajn ġodda,

(bb) konformità ma' ċerti metodi ta' koltivazzjoni u protezzjoni ta' pjanti,

(ċċ) ħsad, tnixxif u, fejn xieraq, it-tħejjija għall-*marketing;*

(b) fir-rigward tal-marketing, d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-bejgħ mill-grupp fuq naħa waħda u mill-produtturi fuq l-oħra, partikolarment fir-rigward ta' konċentrazzjoni u kondizzjonijiet ta' provvista.

3. "L-ewwel stadju ta' *marketing* tfisser il-bejgħ ta' ħops mill-produttur innifsu jew, fil-każ ta' xi grupp ta' produtturi, l-bejgħ tal-ħops mill-membri għas-suq bl-ingrossa jew lill-industrija ta' min juzah."

Artikolu 2

1. Jekk jrid jiġi magħruf, grupp għandu jinkludi żoni reġistrati ta' mill-inqas 60 ettaru u ta' l-inqas seba' produtturi.

2. Iżda, b'konformità mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 1696/71, Stat Membru jista' jiġi awtorizzat, fuq talba, jagħraf grupp li ż-żoni reġistrati tiegħu jinkludu anqas minn 60 ettaru, jekk iz-zoni jinsabu f'reġjun magħruf ta' produzzjoni li tkopri anqas minn 100 ettaru

Artikolu 3

Id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin għandhom jakkumpanjaw kull applikazzjoni għall-għarfien:

(a) l-istatut,

(b) l-ismijiet ta' persuni awtorizzati biex jaġixxu f'isem il-grupp,

(ċ) lista ta' attivitajiet li jiġġustifikaw it-talba għall-għarfien,

(d) prova li d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 ġew mħarsa.

[1] ĠU L 175, 4.8.1971, p. 1.

Artikolu 4

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu deċiżjoni dwar it-talba għall-għarfien fi żmien tlett xhur minn meta tasal.

2. L-għarfien ta' xi grupp għandu jieqaf jekk il-kondizzjonijiet preskritti għall-għarfien m'humiex aktar mħarsa jew jekk dan l-għarfien huwa bbażat fuq informazzjoni skorretta. Ir-rikonoxximent għandu jieqaf b'effett retroattiv jekk ikun ġie ottenut jew gawdut b'ingann.

3. L-Istati Membri għandhom iwettqu superviżjoni kontinwa biex jiżguraw li l-gruppi magħrufa jħarsu l-kondizzjonijiet għall-għarfien.

Artikolu 5

1. Jekk trid tkun magħrufa, għaqda ta' gruppi magħrufa għandhom jikkontrollaw żoni reġistrati ta' mill-inqas 500 ettaru.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikolu 2, għandhom jgħoddu għall-għaqdiet ta' gruppi.

Artikolu 6

1. Fejn xi Stat Membru jagħti, jiċħad jew jirtira l-għarfien ta' xi grupp għandu jgħarraf lill-Kummissjoni minn dan fi żmien xagħrejn wara l-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tiegħu lill-applikant u jindika r-raġunijiet taċ-ċaħda tat-talba għall-għarfien jew ta' l-irtirar ta' l-għarfien.

2. Fil-bidu ta' kull sena l-Kummissjoni għandha tara li tippubblika fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* lista ta' gruppi u taħlita ta' gruppi li matul is-sena ta' qabel kellhom għarfien kif ukoll dawk li l-għarfien tagħhom ġie irtirat matul l-istess perjodu ta' żmien.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 1972.

Għall-Kummissjoni

Il-President

S.L. MANSHOLT